Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Mejju 2026
(OR. en)

9733/26

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0287 (NLE)

PECHE 200

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook (2025-2032)<br>- Adozzjoni |

1. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemmija hawn fuq lill-Kunsill fit-23 ta' Settembru 2025[1], bil-għan li l-Protokoll jiġi approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

2. Fis-17 ta' Novembru, il-Kunsill adotta deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll. Huwa qabel li jibgħat lill-Parlament Ewropew, għall-approvazzjoni tiegħu, l-abbozz ta' deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Protokoll (dok. 13158/25), kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti.

3. Il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu fl-20 ta' Mejju 2026.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mitlub jipproponi li l-Kunsill, f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss:
   - jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll, kif tinsab fid-dokument 13158/25 + COR 1;
   - jieħu nota tad-dikjarazzjoni li tinsab fl-addendum ta' din in-nota.

[1] Dok. 13145/25 + ADD 1.

5. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew, li ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.